KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKATA ĠENERALI
KOKOTT
ippreżentati fil-5 ta' Ġunju 2025 [1]

Kawża C-543/23 [Gnattai] [i]

AR
vs
Ministero dell' Istruzione e del Merito,
parti oħra:
Anief – Associazione Professionale e Sindacale

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunale Civile di Padova (il-Qorti Ċivili ta' Padova, l-Italja))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Politika soċjali – Direttiva 1999/70/KE – Ftehim qafas bejn l-ETUC, l-UNICE u ċ-ĊEEP dwar xogħol għal żmien determinat – Klawżola 4(1) – Kunċetti ta' 'relazzjoni ta' xogħol għal żmien determinat' u 'kundizzjonijiet tal-impjieg' – Settur pubbliku – Għalliema – Xogħol għal żmien determinat fi skejjel assimilati – Reklutaġġ fis-servizz pubbliku permezz ta' proċedura ta' reklutaġġ abbażi ta' kwalifiki – Determinazzjoni tal-anzjanità – Klassifikazzjoni f'kategorija salarjali – Regola nazzjonali li teskludi perijodi ta' servizz preċedenti fi skejjel assimilati – Diversi persuni li jimpjegaw – Differenza fit-trattament – Artikoli 20 u 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea"

I. Introduzzjoni

1. Din it-talba għal deċiżjoni preliminari tikkonċerna l-interpretazzjoni tal-klawżola 4 tal-Ftehim qafas dwar xogħol għal żmien determinat konkluż fit-18 ta' Marzu 1999 (iktar 'il quddiem il-"Ftehim qafas") li jinsab fl-Anness tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u miċ-CEEP [2], kif ukoll tal-Artikoli 20 u 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta").

[1] Lingwa oriġinali: il-Ġermaniż.

[i] L-isem ta' din il-kawża huwa fittizju. Dan l-isem ma jikkorrispondi għall-isem reali ta' ebda waħda mill-partijiet fil-proċedura..

[2] ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 5, Vol. 3, p. 368

2. F'dan ir-rigward, il-ġurisprudenza tqajjem diversi drabi l-kwistjoni tad-differenza fit-trattament bejn l-għalliema preċedentement impjegati *għal żmien determinat* fil-mument tal-ħatra jew tar-reklutaġġ tagħhom fi skejjel pubbliċi fl-Italja meta mqabbla mal-għalliema impjegati f'dawn l-iskejjel għal żmien *indeterminat*[3].

3. Il-kawża prinċipali tirrigwarda l-kwistjoni dwar jekk il-perijodi ta' servizz tar-rikorrent fil-kuntest ta' kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat f'hekk imsejħa skejjel privati assimilati (*scuole paritarie*), li huma, essenzjalment, ekwiparabbli għall-iskejjel tal-Istat, għandhomx jittieħdu inkunsiderazzjoni għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-anzjanità u, għaldaqstant, tal-klassifikazzjoni salarjali, wara r-reklutaġġ (għal żmien indeterminat) fi skola tal-Istat.

4. Id-dritt Taljan jipprevedi espressament li, waqt ir-reklutaġġ fi skola tal-Istat, il-perijodi ta' servizz imwettqa f'ċerti skejjel, inklużi dawk mhux tal-Istat, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-anzjanità u tal-klassifikazzjoni salarjali. Madankollu, dan ma japplikax għall-perijodi ta' servizz preċedenti fi skejjel assimilati. Għall-kuntrarju, id-dritt Taljan jirrikonoxxi, għall-perijodu kkontestat, l-ekwivalenza tal-attivitajiet imwettqa fl-iskejjel pubbliċi u fi skejjel assimiliati. Skont il-qorti tar-rinviju, l-għalliema taż-żewġ gruppi paragunabbli għandhom l-istess kompiti, l-istess obbligi professjonali u għandu jkollhom l-istess kompetenzi professjonali, pedagoġiċi, metodoloġiċi, organizzattivi-relazzjonali u ta' riċerka.

5. Dan wassal lill-qorti tar-rinviju sabiex tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk id-differenzjazzjonijiet f'dan ir-rigward, li kienu tqiesu bħala legali u kostituzzjonali mill-Corte suprema di cassazione (il-Qorti tal-Kassazzjoni, l-Italja) u l-Corte costituzionale (il-Qorti Kostituzzjonali, l-Italja), humiex kompatibbli mal-klawżola 4(1) tal-Ftehim qafas kif ukoll mal-Artikolu 20 u mal-Artikolu 21(1) tal-Karta.

6. Il-kwistjoni li tqum fil-kawża ineżami hija qabelxejn dik dwar jekk il-kamp ta' applikazzjoni tal-klawżola (1) moqri flimkien mal-klawżola 3(1) u (2) tal-Ftehim qafas huwiex applikabbli. Dan jiddependi, minn naħa, fuq jekk differenza fit-trattament fis-sens ta' dawn id-dispożizzjonijiet tistax tiġi kkunsidrata wkoll meta l-għalliema kkonċernati jkunu jew kienu impjegati minn diversi persuni li jimpjegaw u skont regoli differenti (tad-dritt privat jew tad-dritt pubbliku). Min-naħa l-oħra, tali differenza fit-trattament tista' tiġi eskluża meta l-assenza ta' rikonoxximent tal-perijodi ta' servizz preċedenti tirriżulta minn dispożizzjoni legali li taffettwa bl-istess mod il-membri *kollha* tal-persunal preċedentement impjegati fi skejjel assimilati (kemm għal żmien determinat kif ukoll għal żmien indeterminat). Fil-każ ta' inapplikabbiltà tal-klawżola 4(1) tal-Ftehim qafas, għandu jiġi eżaminat ukoll jekk l-Artikolu 20 u l-Artikolu 21(1) tal-Karta humiex applikabbli[4], jekk teżistix differenza fit-trattament skont il-kriterji ġenerali previsti fih u, fl-affermattiv, jekk jistax ikun hemm ġustifikazzjoni oġġettiva. F'dan il-kuntest, għandhom jiġu identifikati l-gruppi paragunabbli rilevanti sabiex jiġi ddeterminat jekk l-għalliema kkonċernati jinsabux jew kinux f'sitwazzjoni tal-inqas paragunabbli. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha l-opportunità tippreċiża l-ġurisprudenza preċedenti tagħha f'dan ir-rigward.

[3] Ara sentenzi preċedenti tas-17 ta' Ottubru 2024, Ministero dell'Istruzione e del Merito u INPS (C-322/23, EU:C:2024:900), tat-30 ta' Novembru 2023, Ministero dell'Istruzione u INPS (C-270/22, EU:C:2023:933), u tal-20 ta' Settembru 2018, Motter (C-466/17, EU:C:2018:758), li fihom il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li d-differenza fit-trattament ta' għalliema impjegati għal żmien determinat fir-rigward tad-determinazzjoni tal-anzjanità tagħhom, li kienet ibbażata fuq dispożizzjonijiet oħra tal-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża ineżami, kienet tmur kontra d-dritt tal-Unjoni.

[4] F'dan ir-rigward, is-sentenza tat-22 ta' Jannar 2020, Baldonedo Martín (C-177/18, EU:C:2020:26, punti 56 *et seq*), li kkonstatat li dan ma kienx il-każ minħabba li l-kunċett ta' "implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni", fis-sens tal-Artikolu 51(1) tal-Karta, ma kienx ġie ssodisfatt.

II. Il-kuntest ġuridiku

A. Id-dritt tal-Unjoni

7. Il-premessa 14 tad-Direttiva 1999/70 tipprevedi:

"Il-partijiet firmatarji xtaqu jikkonkludu ftehim qafas fuq xogħol għal terminu fiss li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġiet minimi għal kuntratti ta' impjieg għal terminu fiss u relazzjonijiet ta' impjieg; huma wrew ix-xewqa tagħhom li jtejbu il-kwalità ta' xogħol ta' terminu fiss billi jiżguraw l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' non-diskriminazzjoni, u xtaqu li jistabbilixxu qafas għall-prevenzjoni ta' abbuż ikkawżat mill-użu ta' kuntratti ta' impjieg jew relazzjonijiet ta' terminu fiss suċċessivi;"

8. It-tielet paragrafu tal-preambolu tal-Ftehim qafas jipprevedi:

"Dan il-ftehim jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġiet minimi li jirrelataw għal xogħol ta' terminu fiss, waqt li jirrikonoxxi li l-applikazzjoni ddettaljata tagħhom jeħtieġ li tieħu kont tar-realtajiet ta' sitwazzjonijiet nazzjonali, settorali u staġjonali. Juri d-dispożizzjoni ta' l-Imsieħba Soċjali li jistabbilixxu qafas ġenerali biex jiżguraw trattament ugwali għal ħaddiema għal terminu fiss billi jipproteġuhom kontra d-diskriminazzjoni u għall-użu ta' kuntratti ta' l-impjieg għal terminu fiss fuq bażi aċċettabbli għal min jimpjega u l-ħaddiema."

9. Il-klawżola 1 tal-Ftehim qafas tipprovdi:

"L-iskop ta' dan il-ftehim qafas hu:

a) li titjieb il-kwalità ta' xogħol għal terminu fiss billi tiġi żgurata l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' non-diskriminazzjoni;

b) li jistabbilixxi qafas biex jipprevjeni l-abbuż ikkawżat mill-użu ta' kuntratti jew relazzjonijiet suċċessivi ta' l-impjieg għal terminu fiss."

10. Il-klawżola 2(1) tal-Ftehim qafas tipprovdi:

"Dan il-ftehim japplika għal ħaddiema għal terminu fiss li għandhom kuntratt ta' impjieg jew relazzjoni ta' impjieg kif definit fil-liġi, fil-ftehim kollettiv jew fil-prattika f' kull Stat Membru."

11. Il-klawżola 3 tal-Ftehim qafas hija fformulata kif ġej:

"1. Għall-iskop ta' dan il-ftehim il-kliem 'ħaddiem għal terminu fiss' ifisru persuna li jkollha kuntratt jew relazzjoni ta' l-impjieg dirett bejn min jimpjiega u ħaddiem meta l-aħħar tal-kuntratt jew tar-relazzjoni ta' l-impjieg hu ddeterminat b'kondizzjonijiet oġġettivi bħal li jilħaq data speċifika, ilesti xogħol speċifiku, jew it-twettiq ta' każ speċifiku.

2. Għall-iskop ta' dan il-ftehim, il-kliem 'ħaddiem kumparabbli permanenti' ifissru ħaddiem b'kuntratt jew relazzjoni ta' impjieg għal żmien indefinit, fl-istess stabbiliment, ingaġġat fl-istess xogħol jew xogħol/impjieg simili, wara li tingħata attenzjoni xierqa lill-kwalifiki/kapaċitajiet.

Meta ma jkun hemm ebda ħaddiem kumparabbli permanenti fl-istess stabbiliment, il-paragun għandu jsir b'referenza għall-ftehim kollettiv applikabbli, jew meta ma jkun hemm ebda ftehim kollettiv applikabbli, skond il-liġi nazzjonali, il-ftehim kollettiv jew il-prattika."

12. Il-klawżola 4(1) tal-Ftehim qafas tipprovdi:

"Fejn għandhom x'jaqsmu l-kondizzjonijiet ta' l-impjieg, ħaddiema għal terminu fiss m'għandhomx jiġu trattati b'mod inqas favorevoli minn ħaddiem kumparabbli permanenti biss minħabba li għandhom kuntratt jew relazzjoni għal terminu fiss sakemm trattament differenti ma jkunx ġustifikat fuq bażi oġġettiva."

B. Id-dritt Taljan

13. L-Artikolu 485 tad-decreto legislativo Nr. 297 – Approvazione del testo unico delle disposizioni legislative vigenti in materia di istruzione, relative alle scuole di ogni ordine e grado (id-Digriet Leġiżlattiv Nru 297 dwar l-approvazzjoni tat-test ikkonsolidat tad-dispożizzjonijiet leġiżlattivi applikabbli fil-qasam tat-tagħlim relatat ma' skejjel ta' kull tip u ta' kull livell) tas-16 ta' April 1994[5] (iktar 'il quddiem, id-"Digriet Leġiżlattiv Nru 297/1994") jipprovdi:

"1. Il-perijodi ta' servizz imwettqa minn għalliema b'kuntratti għal żmien determinat fi skejjel sekondarji tal-Istat jew assimilati, u fi skejjel tal-arti, inklużi dawk li jinsabu barra mill-pajjiż, għandhom jiġu rrikonoxxuti bħala perijodi ta' servizz imwettaq b'mod permanenti għal finijiet legali u salarjali, fl-intier tagħhom għall-ewwel erba' snin, u b'rata ta' żewġ terzi għal kwalunkwe perijodu sussegwenti, u b'rata tat-terz kumplament għal finijiet salarjali. Id-drittijiet salarjali li jirriżultaw minn dan ir-rikonoxximent huma kkonservati u meħuda inkunsiderazzjoni fl-iskali salarjali kollha ta' wara l-grad assenjat fi żmien ir-rikonoxximent.

2. Għall-istess finijiet u bl-istess mod bħal fil-paragrafu 1, huma rrikonoxxuti, għall-persunal li hemm riferiment għalih hemmhekk, il-perijodi ta' servizz imwettqa fi skejjel ta' istuzzjonijiet tal-Istat għall-edukazzjoni tal-bniet, u dawk imwettqa bħala għalliema ta' skejjel primarji permanenti u mhux permanenti fi skejjel primarji tal-Istat jew skejjel assimilati, inklużi dawk tal-istituzzjonijiet iċċitati iktar 'il fuq u dawk li jinsabu barra mill-pajjiż, kif ukoll fi skejjel għall-adulti, skejjel issussidjati jew skejjel sussidjarji.

3. Għall-istess finijiet u bl-istess mod bħal fil-paragrafu 1, il-perijodi ta' servizz irrikonoxxuti, għall-persunal li jgħallem fi skejjel primarji, bħala għalliem mhux permanenti fi skejjel primarji tal-Istat jew skejjel ta' istituzzjonijiet tal-Istat għall-edukazzjoni tal-bniet jew skejjel assimilati, fi skejjel sekondarji u artistiċi tal-Istat jew skejjel omologi, fi skejjel għall-adulti, skejjel issussidjati jew skejjel sussidjarji, kif ukoll il-perijodi ta' servizz imwettqa bħala għalliem permanenti jew mhux permanenti fi skejjel primarji tal-Istat jew tal-komun."

[5] GURI Nru 115 tad-19 ta' Mejju 1994, Suppliment Ordinarju Nru 79.

14. L-Artikolu 1 tal-legge n. 62 – Norme per la parità scolastica e disposizioni sul diritto allo studio e all'istruzione (il-Liġi Nru 62 – Regoli għall-ugwaljanza fl-edukazzjoni u dispożizzjonijiet dwar id-dritt għall-istudju u għat-tagħlim) tal-10 ta' Marzu 2000[6] (iktar 'il quddiem il-"Liġi Nru 62/2000") huwa fformulat kif ġej:

"1. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 33(2) tal-Kostituzzjoni, is-sistema edukattiva nazzjonali hija magħmula minn skejjel tal-Istat kif ukoll minn skejjel privati u komunali assimilati. L-għan prinċipali tar-Repubblika huwa li testendi l-provvista tal-edukazzjoni u li tiġġeneralizza d-domanda korrispondenti għat-tagħlim tul il-ħajja mit-tfulija.

2. Għall-finijiet kollha skont id-dispożizzjonijiet legali applikabbli, partikolarment fir-rigward tal-awtorità għall-għoti ta' kwalifiki edukattivi legalment irrikonoxxuti, 'skejjel assimilati' għandha tinftiehem fis-sens ta' istituzzjonijiet edukattivi mhux tal-Istat – inklużi muniċipali – li, mil-livell tal-kindergarten 'il quddiem, jikkonformaw mar-regolamenti edukattivi ġenerali, jissodisfaw il-ħtiġijiet edukattivi tal-familji, u jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' kwalità u effettività stabbiliti fil-paragrafi 4, 5, u 6.

3. L-iskejjel privati assimilati jibbenefikaw minn libertà totali fir-rigward tal-orjentazzjoni kulturali u pedagoġika didattika. Fid-dawl tal-kunċett edukattiv tal-iskola, it-tagħlim huwa ispirat mill-prinċipji fundamentali minquxa fil-Kostituzzjoni. Peress li l-iskejjel assimilati jipprovdu servizz pubbliku, huma għandhom jilqgħu lil dawk kollha li jaċċettaw il-kunċett edukattiv tagħhom u japplikaw, inklużi tfal tal-iskola u studenti b'diżabbiltà. Il-kunċett edukattiv għandu jiddetermina, fejn xieraq, l-orjentazzjoni kulturali jew reliġjuża. Madankollu, l-attivitajiet ekstrakurrikulari li jippreżupponu jew jeżiġu l-appartenenza għal ideoloġija jew twemmin reliġjuż partikolari ma humiex obbligatorji għall-istudenti.

4. L-assimilazzjoni hija rrikonoxxuta lill-iskejjel mhux tal-Istat li jitolbuha, li jimpenjaw ruħhom espressament li jimplimentaw id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 2 u 3 u li jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin:

a) ikollhom approċċ edukattiv konformement mal-prinċipji tal-Kostituzzjoni u pjan edukattiv konformement mar-regoli u d-dispożizzjonijiet applikabbli; jipprovdu ċertifikat li jinnomina l-uffiċjal tal-amministrazzjoni u jippubblikaw il-kontabbiltà tagħhom;

b) ikollhom bini, għamara u materjal didattiku adattati għat-tip ta' skola u konformi mar-regoli fis-seħħ;

c) il-korpi kulleġġjali tal-iskola jkunu stabbiliti u joperaw abbażi ta' parteċipazzjoni demokratika;

d) l-iskola taċċetta lill-istudenti kollha li japplikaw għaliha l-ġenituri, bil-kundizzjoni li jkollhom ċertifikat ta' kwalifika validu sabiex jiġu ammessi fil-livell li jixtiequ jsegwu;

e) ikunu japplikaw ir-regoli kollha applikabbli għall-integrazzjoni ta' studenti b'diżabbiltà jew żvantaġġati;

f) jiġu organizzati korsijiet sħaħ; l-assimilazzjoni ma tistax tingħata għal klassijiet individwali, ħlief meta jiġu introdotti korsijiet kompleti ġodda, li għandhom jibdew bl-ewwel klassi;

[6] GURI Nru 67 tal-21 ta' Marzu 2000.

g) l-għalliema għandu jkollhom ċertifikat ta' kompetenza professjonali;

h) il-persunal amministrattiv u l-għalliema jaħdmu taħt kuntratti individwali ta' impjieg skont il-ftehim kollettiv nazzjonali settorjali."

15. L-Artikolu 2(2) tad-Decreto-legge n. 255 – Disposizioni urgenti per assicurare l'ordinato avvio dell'anno scolastico 2001/2002 (id-Digriet-Liġi Nru 255 dwar dispożizzjonijiet urġenti sabiex jiġi żgurat il-bidu ordnat tas-sena skolastika 2001/2002) tat-3 ta' Lulju 2001, kif emendat u kkonvertit f'liġi bil-Liġi Nru 333 tal-20 ta' Awwissu 2001 [7] (iktar 'il quddiem id-"Digriet-Liġi Nru 255/2001"), jipprevedi dan li ġej għall-finijiet tal-inklużjoni jew tal-progress fil-listi ta' riżerva permanenti:

"Meta tiġi stabbilita l-lista ta' mertu msemmija fil-paragrafu 1, il-membri tal-persunal diġà inklużi fil-listi permanenti li jixtiequ li l-klassifikazzjoni tagħhom tiġi aġġornata kif ukoll il-membri tal-persunal kandidati għall-ewwel darba għal din l-inklużjoni għandhom jiġu kklassifikati fil-kategoriji rispettivi tagħhom skont il-kwalifiki tagħhom, evalwati skont id-dispożizzjonijiet tat-tabella li tinsab fl-Anness A tad-[Digriet Nru 123/2000 tal-Ministeru tal-Edukazzjoni]. L-attivitajiet ta' tagħlim imwettqa mill-1 ta' Settembru 2000 fl-iskejjel assimilati fis-sens tal-Liġi Nru 62/2000 għandhom jitqiesu bl-istess mod bħall-attivitajiet ta' tagħlim imwettqa fl-iskejjel tal-Istat."

16. L-Artikolu 1*a*(1) tad-Decreto-legge n. 250, convertito con legge 3 febbraio 2006, n. 27 (id-Digriet-Liġi Nru 250 tal-5 ta' Diċembru 2005, ikkonvertit f'liġi permezz tal-Liġi Nru 27, tat-3 ta' Frar 2006 [8]) (iktar 'il quddiem id-"Digriet-Liġi" Nru 250/2005) huwa fformulat kif ġej:

"1. L-iskejjel mhux tal-Istat fis-sens tal-Parti II, Titolu VIII, Kapitoli I, II u III tat-Test Uniku, skont id-Digriet leġiżlattiv Nru 297 tas-16 ta' April 1994, huma komposti kemm minn kategoriji ta' skejjel assimilati rrikonoxxuti skont il-Liġi Nru 62 tal-10 ta' Marzu 2000 kif ukoll minn skejjel mhux assimilati."

III. Il-fatti li taw lok għall-kawża prinċipali, id-domandi preliminari u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

17. Ir-rikorrent kien impjegat fi skola assimilata taħt ħames kuntratti tax-xogħol għal żmien determinat konklużi mis-sena skolastika 2002/2003 sal-31 ta' Awwissu 2007.

18. Fl-1 ta' Settembru 2008, ir-rikorrent ġie impjegat mill-Ministero dell'Istruzione, dell'Università e della Ricerca - MIUR (il-Ministeru għall-Edukazzjoni, għall-Universitajiet u għar-Riċerka, l-Italja), issa l-Ministero dell'Istruzione e del Merito (il-Ministeru għall-Edukazzjoni u għall-Mertu, l-Italja) (iktar 'il quddiem il-"Ministeru") permezz tal-hekk imsejħa listi ta' riżerva. Għall-finijiet tal-klassifikazzjoni tar-remunerazzjoni, ir-rikonoxximent tal-perijodi ta' servizz imwettqa qabel fl-iskola assimilata ġie rrifjutat lilu għar-raġuni li l-Artikolu 485 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 297/94 jieħu inkunsiderazzjoni biss, għall-finijiet tar-rikostituzzjoni tal-karriera professjonali u, għaldaqstant, ukoll għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-ewwel skala salarjali, is-servizz imwettaq fi skejjel tal-Istat u fi skejjel privati approvati, fi skejjel omologi, fi skejjel sussidjarji, issussidjati jew għall-adulti u f'istituzzjonijiet għall-edukazzjoni tal-bniet.

[7] GURI Nru 193 tal-21 ta' Awwissu 2001.

[8] GURI Nru 29 tal-4 ta' Frar 2006.

19. Fir-rikors tiegħu kontra d-deċiżjoni ta' klassifikazzjoni quddiem il-qorti tar-rinviju, it-Tribunale civile di Padova (il-Qorti Ċivili ta' Padova, l-Italja), ir-rikorrent, sostnut mill-intervenjent, is-sindakat Anief – Associazione Professionale e Sindacale (iktar 'il quddiem "Anief") isostni li din id-deċiżjoni hija inkompatibbli mal-klawżola 4 tal-Ftehim qafas kif ukoll mal-Artikoli 20 u 21 tal-Karta.

20. Għall-kuntrarju, huwa għandu d-dritt għal teħid inkunsiderazzjoni tas-servizzi pprovduti fl-iskola assimilata bejn l-2002 u l-2007. Fil-fatt, minn Settembru 2002, l-iskejjel privati approvati u l-iskejjel sekondarji tal-Istat ingħaqdu f'kategorija waħda, dik ta' skejjel "assimilati", fis-sens tal-Liġi Nru 62/2000. Dawn jitqiesu mil-leġiżlatur bħala paragunabbli ma' xulxin u mal-iskejjel tal-Istat. Ir-riferiment fl-Artikolu 485 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 297/94, li għadu ma ġiex aġġornat, għall-perijodi ta' servizz imwettqa fi "skejjel primarji" u fi "skejjel sekondarji omologi", li sadanittant tneħħew, għandu għalhekk japplika wkoll għall-iskejjel li issa huma kklassifikati bħala skejjel "assimilati". Dan huwa iktar u iktar minnu peress li, għall-finijiet tar-reklutaġġ għal żmien indeterminat (mingħajr kompetizzjoni pubblika), il-Ministeru jqis li l-attività ta' tagħlim fl-iskejjel assimilati hija ekwivalenti għal dik tal-impjegati għal żmien determinat tal-iskejjel tal-Istat. Għall-kuntrarju, għall-iskop tal-klassifikazzjoni tal-klassi salarjali fil-mument li l-impjegat jingħata kuntratt permanenti, l-istess Ministeru ma jikkunsidrax din l-attività ta' tagħlim bħala komparabbli. Barra minn hekk, dan imur kontra l-fatt li s-servizz ipprovdut fl-iskola assimilata jikkorrispondi għal kwalifika ogħla meta mqabbla ma' dik tal-impjegati fi skejjel tal-Istat jew skejjel oħra fis-sens tal-Artikolu 485 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 297/94. Fil-fatt, sabiex wieħed ikun jista' jgħallem bħala impjegat b'kuntratt ta' xogħol għal żmien determinat fl-iskejjel assimilati, il-pussess ta' kwalifika fit-tagħlim huwa indispensabbli skont l-Artikolu 1(4) tal-Liġi Nru 62/2000. Madankollu, diploma li tiċċertifika l-edukazzjoni sekondarja hija biżżejjed sabiex għalliem jiġi rreklutat għal żmien determinat fl-iskejjel tal-Istat jew fl-iskejjel privati approvati, fl-iskejjel sussidjarji, issussidjati jew għall-adulti.

21. Il-Ministeru ma jikkontestax li s-servizzi pprovduti mill-għalliema fl-iskejjel assimilati huma ekwivalenti għal dawk ipprovduti, *inter alia*, fi skejjel tal-Istat. Madankollu, l-Artikolu485 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 297/94 ma ġiex allinjat mal-Liġi Nru 62/2000. Konsegwentement, huma biss is-servizzi pprovduti fi "skejjel approvati […] [u] fi skejjel omologi" li jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni għall-finijiet tal-klassifikazzjoni. B'kuntrast ma' dan, dan ma huwiex il-każ tas-servizzi pprovduti minn skejjel "assimilati" li ġew ikkostitwiti matul is-sena 2000 u li għaqqdu l-iskejjel approvati u l-iskejjel omologi.

22. Il-qorti tar-rinviju tirrimarka li kemm il-Corte suprema di cassazione (il-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni), b'mod partikolari fis-sentenzi tagħha Nru 32386/2019 tal-11 ta' Diċembru 2019 u Nru 25226/2020 tal-10 ta' Novembru 2020, kif ukoll il-Corte costituzionale (il-Qorti Kostituzzjonali), fis-sentenza tagħha Nru 180/2021 tal-11 ta' Frar 2021, ikkonfermaw il-legalità u l-kostituzzjonalità tal-Artikolu 485 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 297/94.

23. Huwa minnu li l-Corte suprema di cassazione (il-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni) irrikonoxxiet li l-iskejjel assimilati kienu paragunabbli mal-iskejjel tal-Istat fl-intier tagħhom. Madankollu, hija rrifjutat, skont l-Artikolu 485 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 297/94, it-teħid inkunsiderazzjoni tas-servizzi li kienu twettqu fihom qabel id-dħul fis-servizz. Insostenn tat-talba tagħha, hija sostniet li d-diversi modalitajiet ta' impjieg kienu diġà juru l-fatt li l-istatus ġuridiku ta' kull għalliem ma kienx simili[9]. Barra minn hekk, ma hemmx diskriminazzjoni fis-sens tal-klawżola 4 tal-Ftehim qafas, "peress li l-paragunabbiltà għandha tiġi eskluża fir-rigward ta'

[9] Cass. Nru 32386/2019; Cass. Nru 33137/2019 u Cass. Nru 33134/2019.

relazzjonijiet ta' xogħol ma' persuni li jimpjegaw differenti li huma suġġetti għal regoli differenti f'dak li jirrigwarda l-kostituzzjoni u l-ġestjoni tagħhom"[10]. Il-Corte costituzionale (il-Qorti Kostituzzjonali) iddeċidiet ukoll li r-relazzjonijiet ta' xogħol tal-għalliema fi ħdan l-iskejjel ikkonċernati ma humiex totalment assimilati u li l-modalitajiet u l-portata ta' tali assimilazzjoni għandhom jiġu rregolati mil-leġiżlatur[11].

24. Minħabba d-dubji tagħha dwar il-kompatibbiltà tad-deċiżjoni ta' klassifikazzjoni kontenzjuża, ibbażata fuq l-Artikolu 485 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 297/94, mal-klawżola 4 tal-Ftehim qafas kif ukoll mal-Artikoli 20 u 21 tal-Karta, it-Tribunale civile di Padova (il-Qorti Ċivili ta' Padova), permezz ta' deċiżjoni tal-14 ta' Awwissu 2023, li waslet fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fit-28 ta' Awwissu 2023, għamlet id-domandi preliminari li ġejjin lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"(1) Il-klawżola 4(1) tal-Ftehim qafas dwar xogħol għal terminu fiss, konkluż fit-18 ta' Marzu 1999, li jidher fl-Anness għad-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE [tat-28 ta' Ġunju 1999] u l-prinċipju ġenerali tad-dritt [tal-Unjoni] ta' nondiskriminazzjoni fil-qasam tal-kundizzjonijiet ta' impjieg, moqrija fid-dawl tal-Artikolu 21 tal-Karta […], għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġislazzjoni nazzjonali, bħal dik li tidher fl-Artikolu 485 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 297/1994 li, fis-sens li attribwietlu l-Corte suprema di cassazione (il-Qorti Suprema ta' Kassazzjoni) (ara s-sentenzi tal-Awla tax-Xogħol Nri. 32386/2019, 33134/2019 u 33137/2019) jipprevedi għall-impjegati b'kuntratt għal [żmien] determinat tal-iskejjel assimilati previsti bil-Liġi Nru 62/2000 trattament inqas favorevoli, fil-kuntest tar-rikostruzzjoni tal-karriera tagħhom, meta mqabbla mal-impjegati b'kuntratt għal żmien indeterminat tal-[Ministero dell'Istruzione e del Merito (il-Ministeru għall-Edukazzjoni u għall-Mertu], għal unika raġuni li huma ma humiex rebbieħa ta' kompetizzjoni pubblika jew li għallmu fi skola assimilata legalment rikonoxxuta, minkejja li l-għalliema b'kuntratt għal żmien determinat tal-iskejjel assimilati jinsabu f'sitwazzjoni paragunabbli għal dik tal-għalliema b'kuntratt għal żmien indeterminat tal-iskejjel tal-Istat għal dak li jikkonċerna t-tip ta' xogħol u l-kundizzjonijiet għal taħriġ u għal impjieg, sa fejn iwettqu l-istess kompitu u għandhom l-istess kompetenzi fis-suġġett mgħallem, l-istess kompetenzi pedagoġiċi, metodoloġiċi u didattiċi, ta' organizzazzjoni u relazzjonali u ta' riċerka, miksuba bl-esperjenza tat-tagħlim, esperjenza li l-istess leġiżlazzjoni interna tirrikonoxxi bħala identika għall-finijiet tar-reklutaġġ għal tul indeterminat bl-effett tal-iżvolġiment tal-listi ta' riżerva permanenti, issa validi sal-eżawriment (ara l-Artikolu 2(2) tad-Digriet-Liġi Nru 255/2001)?

2. Fil-kuntest tal-applikazzjoni tad-Direttiva 1999/70, il-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni ta' ugwaljanza, ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' nondiskriminazzjoni fil-qasam tal-impjieg, stabbiliti wkoll fl-Artikoli 20 u 21 tal-Karta, fl-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea tal-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (li huma rilevanti bis-saħħa tal-Artikolu 52 tal-Karta), bil-Karta Soċjali Ewropea approvata fit-18 ta' Ottubru 1961 u fl-Artikolu 157 TFUE u bid-Direttivi 2000/43/KE u 2000/78/KE, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu regola bħala dik li tidher fl-Artikolu 485 tad-Digriet-Liġi Nru 297/1994, li timponi li għall-finijiet tar-remunerazzjoni, waqt ir-rikostruzzjoni tal-karriera, jitqiesu esklużivament il-perijodi ta' tagħlim maħduma fis-servizz tal-istess Ministeru [għall-Edukazzjoni u għall-Mertu] jew l-iskejjel approvati, omologi, issussidjati jew sussidjarji, popolari u tal-istituzzjonijiet għall-edukazzjoni ta' bniet żgħar minn fejn ġejjin l-għalliema, li tittratta b'hekk b'mod inqas favorevoli u li tiddiskrimina, waqt ir-rikostruzzjoni tal-karriera (mwettqa wara r-reklutaġġ għal żmien

[10] Cass. Nru 25226/2020.

[11] Corte Cost. Nru 180/2021.

indeterminat mill-Ministeru tal-Istruzzjoni u tal-Meritu), kontra l-għalliema b'kuntratt għal żmien determinat tal-iskejjel assimilati, li ma jingħatawx is-suppliment tar-remunerazzjoni marbut mal-anzjanità, li bil-kontra jingħata lill-għalliema b'kuntratt għal żmien determinat tal-iskejjel tal-Istat, komunali, approvati, omologi, issussidjati jew sussidjarji, popolari u tal-istituzzjonijiet għall-edukazzjoni tal-bniet żgħar, li jinsabu f'sitwazzjoni paragunabbli għal dik tal-għalliema tal-iskejjel assimilati għal dak li jikkonċerna n-natura tax-xogħol, il-funzjonijiet, is-servizzi u l-obbligi professjonali, kif ukoll il-kundizzjonijiet ta' taħriġ u ta' impjieg meta mqabbla mal-għalliema tal-iskejjel assimilati stabbiliti bil-Liġi Nru 62/2000, li jwettqu l-istess kompiti u li jakkwistaw, bl-esperjenza didattika, l-istess kompetenzi fil-qasam mgħallem, l-istess kompetenzi pedagoġiċi, metodoloġiċi u didattiċi, ta' organizzazzjoni u relazzjonali u ta' riċerka bħall-għalliema tal-iskejjel assimilati?

3. Il-kunċett ta' 'ħaddiem kumparabbli permanenti' li jidher fil-[klawżola 4(1)] tal-Ftehim qafas dwar xogħol għal terminu fiss, konkluż fit-18 ta' Marzu 1999, li jidher fl-anness tad-Direttiva 1999/70/KE, u l-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni tal-ugwaljanza, tal-ugwaljanza fit-trattament u tan-nondiskriminazzjoni fil-qasam tal-impjieg, stabbiliti fl-Artikoli 20 u 21 tal-Karta, għandhom jiġu interpretati fis-sens li, fil-kuntest tar-rikonoxximent ta' livelli ta' anzjanità, is-servizzi pprovduti fi kwalità ta' impjegat b'kuntratt għal żmien determinat fl-iskejjel assimilati għandhom jitqiesu bħala ekwivalenti għal dawk maħduma fl-iskejjel tal-Istat, fl-iskejjel approvati, fl-iskejjel omologi, fl-iskejjel popolari, fl-iskejjel issussidjati jew sussidjarji, kif ukoll fl-istituzzjonijiet għall-edukazzjoni ta' bniet żgħar, fejn l-għalliema ta' dawn l-iskejjel tal-aħħar iwettqu l-istess kompiti, għandhom l-istess obbligi professjonali u għandhom l-istess kompetenzi fil-qasam mgħallem, l-istess kompetenzi pedagoġiċi, metodoloġiċi u didattiċi, ta' organizzazzjoni u relazzjonali u ta' riċerka?

4. Fil-każ fejn tiġi kkonstatata l-kontrarjetà tal-Artikolu 485 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 297/1994 mad-[dritt tal-Unjoni], il-valur legali ta' trattat mogħti lill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali jimponi fuq il-qorti nazzjonali li tħalli mhux applikat is-sors tad-dritt intern inkompatibbli?"

25. Fil-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, ir-rikorrent, Anief, ir-Repubblika Taljana u l-Kummissjoni Ewropea ppreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub. Huma attendew ukoll is-seduta fit-12 ta' Marzu 2025 u wieġbu l-mistoqsijiet bil-miktub u orali tal-Qorti tal-Ġustizzja.

IV. Evalwazzjoni legali

26. L-ewwel tliet domandi preliminari jirrigwardaw prinċipalment l-interpretazzjoni tal-kriterji stabbiliti fil-klawżola 4(1) tal-Ftehim qafas. Għalhekk ser nibda billi neżamina dawn id-domandi preliminari flimkien sabiex niddetermina jekk il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni huwiex applikabbli u jekk dawn il-kriterji humiex issodisfatti (ara, f'dan ir-rigward, il-punt A). Sussegwentement, ser neżamina l-applikabbiltà u l-issodisfar tal-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 20 u fl-Artikolu 21(2) tal-Karta (ara, f'dan ir-rigward, il-punt B) kif ukoll, fir-rigward tar-raba' domanda preliminari, il-konsegwenzi legali li jirriżultaw mill-eventwali ssodisfar tagħhom (ara, f'dan ir-rigward, il-punt C). Fil-kuntest ta' din l-analiżi, ser nindirizza wkoll l-eċċezzjonijiet ta' inammissibbiltà mqajma mill-Kummissjoni (fir-rigward tat-tieni u t-tielet domanda preliminari) u mir-Repubblika Taljana (fir-rigward tar-raba' domanda preliminari).

A. Kamp ta' applikazzjoni u kriterji tal-klawżola 4(1) tal-Ftehim qafas

1. Projbizzjoni ta' prinċipju ta' differenzjazzjoni fir-rigward tal-kundizzjonijiet tal-impjieg matul ir-r-reklutaġġ u wara

27. L-applikazzjoni tal-klawżola 4(1) flimkien mal-klawżola 3(2) tal-Ftehim qafas tippreżupponi li teżisti differenza fit-trattament bejn "ħaddiem għal żmien determinat" u "impjegat paragunabbli b'kuntratt għal żmien indeterminat" essenzjalment fl-istess stabbiliment. Dan il-ħaddiem b'kuntratt ta' xogħol għal żmien determinat ma għandux jiġi ttrattat, fir-rigward tal-"kundizzjonijiet tal-impjieg" tiegħu, b'mod inqas favorevoli mill-impjegat paragunabbli b'kuntratt għal żmien indeterminat, sakemm trattament differenti ma jkunx iġġustifikat minn raġunijiet oġġettivi. Madankollu, il-Ftehim qafas ma jinkludix projbizzjoni ġenerali ta' diskriminazzjoni fil-konfront tal-persuna li timpjega fir-rigward ta' kriterji għajr dawk relatati ma' kuntratti għal żmien determinat.

28. Minn naħa, il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet, f'ġurisprudenza stabbilita, l-applikabbiltà diretta tal-klawżola 4(1) tal-Ftehim qafas fir-rigward ta' entitajiet pubbliċi, bħall-iskejjel pubbliċi [12]. Ir-rikorrent jista' għalhekk, bħala prinċipju, jinvoka din id-dispożizzjoni kontra l-persuna l-ġdida li timpjegah, skola tal-Istat.

29. Min-naħa l-oħra, minn din il-ġurisprudenza jirriżulta b'mod ċar li jaqgħu taħt il-kunċett ta' "kundizzjonijiet tal-impjieg" ir-regoli dwar ir-rikonoxximent tal-perijodi ta' attività preċedenti għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-anzjanità u tal-klassifikazzjoni f'kategorija salarjali fil-mument jew wara r-reklutaġġ għal żmien indeterminat fi skola tal-Istat, bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali [13]. Fil-fatt, dawn il-kundizzjonijiet ikopru il-liġijiet, id-drittijiet u l-obbligi kollha li jikkostitwixxu relazzjoni ta' xogħol partikolari, inklużi l-kundizzjonijiet li fihom persuna taċċedi għal impjieg (iktar 'il quddiem il-"kundizzjonijiet ta' reklutaġġ") u t-terminazzjoni ta' din ir-relazzjoni ta' xogħol [14].

2. Imputabbiltà tad-differenza fit-trattament inkwistjoni lill-Istat li jimpjega?

30. Fil-kawża ineżami, madankollu, it-tilwima tirrigwarda essenzjalment, jekk ir-rikorrent bħala eks ħaddiem b'kuntratt għal żmien determinat fi skola assimilata, jistax jinvoka differenza fit-trattament meta mqabbel ma' ħaddiem b'kuntratt għal żmien indeterminat ta' skola tal-Istat li fiha ġie ħaddiem b'kuntratt għal żmien indeterminat, fir-rigward ta' tali kundizzjonijiet ta' reklutaġġ. Dan hija l-fehma tar-rikorrent, ta' Anief, tal-Kummissjoni u tal-qorti tar-rinviju, b'differenza mill-Gvern Taljan.

[12] Sentenzi tal-20 ta' Frar 2024, X (Assenza ta' raġunijiet għal xoljiment) (C-715/20, EU:C:2024:139, punt 75 u l-ġurisprudenza ċċitata), tat-30 ta' Novembru 2023, Ministero dell'Istruzione u INPS (C-270/22, EU:C:2023:933, punt 52), tat-8 ta' Settembru 2011, Rosado Santana (C-177/10, EU:C:2011:557, punt 56), u tal-15 ta' April 2008, Impact (C-268/06, EU:C:2008:223, punti 59 *et seq*).

[13] Sentenzi tat-30 ta' Novembru 2023, Ministero dell'Istruzione u INPS (C-270/22, EU:C:2023:933, punti 52 sa 55 u l-ġurisprudenza ċċitata), tal-20 ta' Settembru 2018, Motter (C-466/17, EU:C:2018:758, punt 26) u tat-8 ta' Settembru 2011, Rosado Santana (C-177/10, EU:C:2011:557, punti 46, 47 u 64), b'riferiment, kull darba, għall-projbizzjoni parallela ta' differenza fit-trattament prevista fil-klawżola 4(4) tal-Ftehim qafas, dwar ċerti kundizzjonijiet tal-impjieg relatati mal-perijodi ta' anzjanità.

[14] Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-20 ta' Frar 2024, X (Assenza ta' raġunijiet għal xoljiment) (C-715/20, EU:C:2024:139, punti 35 sa 40. Ara wkoll is-sentenza tal-20 ta' Diċembru 2017, Vega González (C-158/16, EU:C:2017:1014, punt 34), kif ukoll il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Szpunar fil-kawża Baldonedo Martín (C-177/18, EU:C:2019:877, punt 63).

31. Skont ġurisprudenza stabbilita, "ħaddiem għal żmien determinat" fis-sens tal-klawżola 4(1) tal-Ftehim qafas, moqri flimkien mal-klawżola 3(1) tiegħu, jista' (jew seta') ikun, bħala prinċipju, impjegat minn persuna li timpjega pubblika jew privata [15]. Barra minn hekk, kemm ir-rikorrent, minn meta ġie impjegat fi skola tal-Istat, kif ukoll il-ħaddiema b'kuntratt għal żmien indeterminat li jaħdmu fiha jappartjenu għall-istess stabbiliment fis-sens tal-klawżola 3(2) tal-Ftehim qafas. Huwa minnu wkoll li r-rikorrent, li issa huwa impjegat għal żmien indeterminat, qabel kien ħadem fi skola assimilata esklużivament taħt kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat.

32. Minkejja l-issodisfar formali ta' dawn ir-rekwiżiti, madankollu, huwa dubjuż jekk id-differenzjazzjoni fil-kunsiderazzjoni ta' perijodi ta' servizz preċedenti għall-iskop tar-rikonoxximent tal-anzjanità u l-klassifikazzjoni f'kategorija salarjali, li dwarha jilmenta r-rikorrent u li ġeneralment hija pprojbita skont il-klawżola 4(1) tal-Ftehim qafas għad-detriment tal-impjegati għal żmien determinat, tistax tiġġustifika differenza fit-trattament attribwibbli lill-persuna li timpjega l-ġdida.

33. Fil-fatt, il-perijodi ta' servizz imwettqa preċedentement mir-rikorrent fil-kuntest ta' kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat huma imputabbli għar-relazzjoni ta' xogħol tiegħu mal-persuna li kienet timpjega (privata) preċedenti, l-operatur ta' skola assimilata, u huma bbażati fuq regoli differenti minn dawk applikabbli għall-ħaddiema impjegati għal żmien determinat tal-iskejjel tal-Istat. Is-sentenzi tal-Corte suprema di cassazione (il-Qorti tal-Kassazzjoni) u tal-Corte costituzionale (il-Qorti Kostituzzjonali) imsemmija fil-punti 22 u 23 ta' dawn il-konklużjonijiet jidhru wkoll li huma bbażati fuq il-prinċipju li tali differenzjazzjoni hija pjuttost dovuta għall-fatt li l-persuna kkonċernata kienet preċedentement impjegata minn operatur privat ta' skola assimilata u ħadmet hemmhekk skont regoli (statutorji) oħra.

34. Iżda fuq kollox, mill-fajl jirriżulta, kif ikkonfermaw il-partijiet waqt is-seduta, li l-eks għalliema *kollha* tal-iskejjel assimilati huma ttrattati bl-istess mod meta jiġu rreklutati fi skola tal-Istat u meta jiġu kklassifikati f'kategorija salarjali. Skont l-Artikolu 485 tad-Digriet leġiżlattiv Nru 297/94, huma *ma għandhomx* dritt għar-rikonoxximent ta' perijodi ta' servizz preċedenti, irrispettivament minn jekk kinux preċedentement impjegati għal żmien determinat jew għal żmien indeterminat. Din l-esklużjoni ġenerali tar-rikonoxximent ta' perijodi ta' servizz imwettqa fi skejjel assimilati, kif prevista mil-liġi, għalhekk ma hijiex ibbażata fuq xi differenzjazzjoni bejn impjegati għal żmien determinat u indeterminat, li ġeneralment hija pprojbita skont il-klawżola 4(1) tal-Ftehim qafas, iżda fuq raġunijiet oħra mhux koperti minn dan il-Ftehim qafas.

35. Għaldaqstant, id-differenza fit-trattament kontenzjuża tar-rikorrent ma hijiex dovuta għal żmien determinat bħala tali tar-relazzjonijiet ta' xogħol preċedenti tiegħu mal-iskola assimilata, iżda għall-fatt li l-perijodi ta' servizz imwettqa f'din l-iskola ma jistgħux ġeneralment, skont dispożizzjoni legali, jittieħdu inkunsiderazzjoni waqt ir-reklutaġġ fi skola tal-Istat.

36. Fil-fehma tiegħi, minn din iċ-ċirkustanza biss jirriżulta li ebda differenza fit-trattament imputabbli lill-persuna li timpjega matul ir-reklutaġġ, fis-sens tal-klawżola 4(1) tal-Ftehim qafas, ma tista' tiġi aċċettata fil-kawża ineżami. Dan huwa kkonfermat mill-formulazzjoni u mill-għanijiet ta' din id-dispożizzjoni kif ukoll mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja relatata magħha.

[15] Ara s-sentenzi tal-25 ta' Ottubru 2018, Sciotto (C-331/17, EU:C:2018:859, punt 43), tal-14 ta' Settembru 2016, Pérez López (C-16/15, EU:C:2016:679, punt 24), tat-13 ta' Marzu 2014, Márquez Samohano (C-190/13, EU:C:2014:146, punt 38) u tal-4 ta' Lulju 2006, Adeneler et (C-212/04, EU:C:2006:443, punt 56).

3. Il-formulazzjoni u l-għanijiet tal-klawżola 4(1) tal-Ftehim qafas fid-dawl tas-setgħa ta' organizzazzjoni u ta' regolamentazzjoni tal-persuna li timpjega

37. Kif indikajt fil-punt 28 iktar 'il fuq, mill-ġurisprudenza jirriżulta li l-kundizzjonijiet ta' reklutaġġ, li minnhom jagħmlu parti r-regoli dwar ir-rikonoxximent tal-perijodi ta' servizz preċedenti u l-klassifikazzjoni f'kategorija salarjali, jaqgħu taħt il-kunċett ta' "kundizzjonijiet ta' impjieg". Skont il-formulazzjoni tal-klawżola 4(1) u tal-klawżola 3(2) tal-Ftehim qafas, dawn il-kundizzjonijiet ikopru l-ħaddiema li, bħala prinċipju, jaħdmu fl-"istess stabbiliment", jiġifieri, fil-kawża ineżami, l-iskola tal-Istat li ġie rreklutat magħha r-rikorrent għal żmien indeterminat (preċedentement impjegat għal żmien determinat). Il-kategoriji li għandhom jiġu pparagunati bejn (eks) ħaddiema impjegati għal żmien determinat u għal żmien indeterminat jistgħu għalhekk, bħala prinċipju, ikunu biss dawk tal-istess stabbiliment li jimpjega [16] taħt il-kontroll u s-setgħa regolatorja tal-istess persuna li timpjega [17].

38. Fil-kawża ineżami, ir-rikorrent ma kienx preċedentement impjegat mill-konvenut, Stat li jimpjega (għal żmien determinat) iżda fi skola assimilata. Madankollu, din il-persuna li timpjega għandha, waqt ir-reklutaġġ, tieħu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi *kollha* relatati mal-ħaddiem li għandu jiġi rreklutat li huma rilevanti fir-rigward tal-impjegati b'kuntratt għal żmien indeterminat fl-istabbiliment tagħha [18]. Tali ċirkustanzi jkopru wkoll, bħala prinċipju, il-perijodi ta' servizz imwettqa fil-kuntest ta' relazzjoni ta' xogħol ma' persuna *oħra* li timpjega, għal żmien determinat, li jipprovdu informazzjoni dwar il-ħiliet u l-esperjenza professjonali miksuba tagħha. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja dejjem ħadet inkunsiderazzjoni, fil-kuntest ta' reklutaġġ, il-perijodi ta' servizz imwettqa fil-kuntest ta' impjiegi għal żmien determinat preċedenti, kemm jekk dawn ikunu twettqu taħt il-kontroll u r-responsabbiltà tal-istess persuna li timpjega jew ta' persuna oħra li timpjega kemm jekk le [19]. Kuntrarjament għal dak li ssostni l-Italja, li tibbaża l-argumenti tagħha fuq il-ġurisprudenza tal-Corte suprema di cassazione (il-Qorti tal-Kassazzjoni) u tal-Corte costituzionale (il-Qorti Kostituzzjonali), huwa għalhekk irrilevanti, f'dan ir-rigward, jekk, u sa fejn, l-għalliema ta' skejjel assimilati, skejjel approvati u skejjel tal-Istat jkunu jaħdmu/ħadmu għal persuni li jimpjegaw differenti u jkunu/kienu suġġetti għal regoli differenti.

39. Madankollu, tali interpretazzjoni wiesgħa hija limitata mill-għan imfittex mill-klawżola 4(1) tal-Ftehim qafas. Skont din id-dispożizzjoni, kull differenzazzjoni matul ir-reklutaġġ għad-detriment ta' ħaddiem preċedentement impjegat għal żmien determinat ma tistax tikkostitwixxi, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, differenza fit-trattament *imputabbli* lill-persuna li timpjega l-ġdida. Dan ma huwiex il-każ, b'mod partikolari, fir-rigward ta' tali differenzazzjonijiet li ma humiex ibbażati fuq il-kriterju tal-impjieg għal żmien determinat bħala tali, iżda li, għal raġunijiet oħra, huma imposti mil-liġi u li għalhekk ma għandhomx x'jaqsmu mas-setgħa ta' organizzazzjoni u ta' kontroll tal-persuna li timpjega.

16 Dwar l-eċċezzjoni, ara t-tieni subparagrafu tal-klawżola 3(2) tal-Ftehim qafas.

17 Ara f'dan is-sens, is-sentenza tat-22 ta' Jannar 2020, Baldonedo Martín (C-177/18, EU:C:2020:26, punt 41).

18 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-17 ta' Ottubru 2024, Ministero dell'Istruzione e del Merito u INPS (C-322/23, EU:C:2024:900, punt 50), tat-30 ta' Novembru 2023, Ministero dell'Istruzione u INPS (C-270/22, EU:C:2023:933, punt 62), tal-21 ta' Novembru 2018, de Diego Porras (C-619/17, EU:C:2018:936, punti 61 u 62), u tal-20 ta' Settembru 2018, Motter (C-466/17, EU:C:2018:758, punt 29).

19 Ara s-sentenzi tat-30 ta' Novembru 2023, Ministero dell'Istruzione u INPS (C-270/22, EU:C:2023:933, punti 54 u 55), tas-7 ta' Lulju 2022, Zone de secours de Hainaut-Centre (C-377/21, EU:C:2022:530, punti 42 sa 46), tat-30 ta' Ġunju 2022, Comunidad de Castilla y León (C-192/21, EU:C:2022:513, punt 30), u tal-20 ta' Settembru 2018, Motter (C-466/17, EU:C:2018:758, punt 26 fit-tmiem). Ara wkoll is-sentenzi tat-22 ta' Jannar 2020, Baldonedo Martín (C-177/18, EU:C:2020:26), tal-20 ta' Ġunju 2019, Ustariz Aróstegui (C-72/18, EU:C:2019:516), kif ukoll il-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Ustariz Aróstegui (C-72/18, EU:C:2019:191).

40. Fil-fatt, konformement mal-għan stabbilit fil-klawżola 1(a)[20], il-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni stabbilita fil-klawżola 4(1) tal-Ftehim qafas, moqri flimkien mal-klawżola 3(2) tiegħu, hija intiża biss sabiex tipprekludi li persuna li timpjega tuża relazzjoni ta' xogħol għal żmien determinat sabiex iċċaħħad lill-ħaddiema kkonċernati mid-drittijiet li hija tagħti lill-impjegati b'kuntratt għal żmien indeterminat[21]. Il-klawżola 1(b) tal-Ftehim qafas hija għalhekk intiża sabiex tipprevjeni l-"abbuż ikkawżat mill-użu ta' kuntratti ta' impjieg jew relazzjonijiet ta' terminu fiss suċċessivi" min-naħa ta' din il-persuna li timpjega. Madankollu, id-differenzazzjonijiet li, bħal fil-kawża ineżami, ma humiex ibbażati fuq il-kriterju ta' żmien determinat, iżda fuq ordni meħuda mil-leġiżlatur għal raġunijiet oħra (ara l-punt 34 iktar 'il fuq), ma jaqgħux taħt ir-responsabbiltà tiegħu[22].

4. Konklużjoni intermedja u eċċezzjonijiet ta' inammissibbiltà

41. Għaldaqstant, is-sentenzi tal-Corte suprema di cassazione (il-Qorti tal-Kassazzjoni) u tal-Corte costituzionale (il-Qorti Kostituzzjonali) iċċitati fil-punti 22 u 23 iktar 'il fuq ma jistgħux jiġu kkritikati, tal-inqas fl-aħħar mill-aħħar, fir-rigward tal-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni speċifika stabbilita fil-klawżola 4(1) tal-Ftehim qafas. Id-differenzazzjoni kontenzjuża, fil-kawża ineżami, ibbażata fuq in-nuqqas ta' teħid inkunsiderazzjoni tal-perijodi ta' servizz imwettqa fi skola assimilata, tikkonċerna lill-ħaddiema *kollha* impjegati f'tali skola (għal żmien determinat u għal żmien indeterminat) u hija prevista fl-Artikolu 485 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 297/94. Għaldaqstant, din ma tikkostitwixxix differenza fit-trattament fis-sens tal-Ftehim qafas ikkawżata mill-persuna li timpjega konvenuta jew imputabbli lilha. Għaldaqstant, skont il-Ftehim qafas, ma hijiex obbligata li tieħu inkunsiderazzjoni dawn il-perijodi ta' servizz preċedenti għall-finijiet tar-rikonoxximent tal-anzjanità u tal-klassifikazzjoni fil-kategorija salarjali.

42. Jekk il-Qorti ma taqbilx u madankollu tikkunsidra l-klawżola 4(1) tal-Ftehim qafas bħala applikabbli, nirreferi għall-osservazzjonijiet sussidjarji tiegħi dwar id-differenza fit-trattament jew il-paragunabbiltà ta' sitwazzjonijiet u ġustifikazzjoni oġġettiva fil-kuntest tal-applikazzjoni tal-Artikoli 20 u 21 tal-Karta (iktar 'il quddiem, il-punti 57*et seq*).

43. Minn dan isegwi li, sabiex tingħata risposta għall-ewwel tliet domandi preliminari, u b'mod partikolari għat-tielet domanda, ma huwiex iktar neċessarju li jiġi ddeterminat ma' liema grupp paragunabbli ta' "ħaddiema b'kuntratt għal żmien indeterminat" fis-sens tal-punt (2) tal-klawżola 3[23] tal-Ftehim qafas għandu jiġi pparagunat ir-rikorrent u lanqas, b'mod partikolari, jekk jistax jiġi pparagunat biss mal-għalliema għal żmien indeterminat tal-iskejjel assimilati.

[20] Din tal-aħħar tiddikjara li: "L-għan ta' dan il-Ftehim qafas huwa li […] titjieb il-kwalità ta' xogħol għal żmien determinat billi tiġi żgurata l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' non-diskriminazzjoni". Ara wkoll it-tielet paragrafu tal-preambolu tal-Ftehim qafas, li jipprovdi li dan jistabbilixxi qafas ġenerali "biex jiżgura […] trattament ugwali għal ħaddiema għal terminu fiss billi [jipproteġihom] kontra d-diskriminazzjoni u għall-użu ta' kuntratti ta' l-impjieg għal terminu fiss fuq bażi aċċettabbli għal min jimpjega u l-ħaddiem".

[21] Sentenzi tat-30 ta' Novembru 2023, Ministero dell'Istruzione u INPS (C-270/22, EU:C:2023:933, punti 49 u 50), u tal-5 ta' Ġunju 2018, Montero Mateos (C-677/16, EU:C:2018:393, punti 39 u 40).

[22] Fil-kawża ineżami ma hemmx lok li tiġi deċiża l-kwistjoni dwar jekk is-sitwazzjoni hijiex differenti fil-każ fejn il-persuna li timpjega l-ġdida tagħmel distinzjoni, għall-finijiet tar-rikonoxximent tal-perijodi ta' servizz imwettqa, bejn l-eks ħaddiema impjegati għal żmien determinat li jkunu ħadmu ma' diversi persuni li jimpjegaw (pereżempju, fi skejjel assimilati, minn naħa, u fi skejjel approvati, min-naħa l-oħra). Skont ġurisprudenza stabbilita, tali differenza fit-trattament fi kwalunkwe każ ma tkunx koperta mill-Ftehim qafas, ara s-sentenza tas-7 ta' Lulju 2022, Zone de secours de Hainaut-Centre (C-377/21, EU:C:2022:530, punt 63, u l-ġurisprudenza ċċitata).

[23] Għal interpretazzjoni wiesgħa tal-gruppi paragunabbli ta' "ħaddiema b'kuntratt għal żmien indeterminat" ara s-sentenza tat-22 ta' Jannar 2020, Baldonedo Martín (C-177/18, EU:C:2020:26, punti 24 u 37 *et seq*.) u tal-20 ta' Ġunju 2019, Ustariz Aróstegui (C-72/18, EU:C:2019:516, punti 31 sa 33), kif ukoll il-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Ustariz Aróstegui (C-72/18, EU:C:2019:191, punti 31 u 32).

44. Madankollu, fir-rigward tal-ewwel, tat-tieni u tat-tielet domanda preliminari, għandu jiġi eżaminat ukoll jekk teżistix differenza fit-trattament jew diskriminazzjoni pprojbiti fid-dawl tal-kriterji ġenerali stabbiliti fl-Artikoli 20 u 21(1) tal-Karta. Sa fejn l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà tal-Kummissjoni tirrigwarda l-Artikolu 21(1) tal-Karta, inqis li din hija infondata. Fil-fatt, din id-dispożizzjoni tinkludi biss projbizzjoni ta' diskriminazzjoni [24] speċifika meta mqabbla mal-prinċipju ġenerali ta' ugwaljanza stabbilit fl-Artikolu 20 tal-Karta fir-rigward ta' ċerti kriterji ta' differenzazzjoni, iżda li ma humiex elenkati b'mod eżawrjenti ("b'mod partikolari") [25]. Madankollu, sa fejn it-tieni domanda preliminari tirrigwarda l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, il-Karta Soċjali Ewropea, l-Artikolu 157 TFUE kif ukoll id-Direttivi 2000/43/KE [26] u 2000/78/KE [27], il-qorti tar-rinviju ma ppreżentat ebda raġuni plawżibbli li tippermetti li jitqies li d-dispożizzjonijiet tagħhom huma marbuta mal-kawża prinċipali jew li l-interpretazzjoni tagħhom tista' tkun neċessarja għas-soluzzjoni ta' din it-tilwima [28]. Fuq dan il-punt, inqis għalhekk li l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mqajma mill-Kummissjoni hija fondata.

45. Għalhekk, iktar 'il quddiem ser nindirizza biss l-Artikolu 20 u l-Artikolu 21(1) tal-Karta.

B. Differenza fit-trattament skont l-Artikolu 20 u l-Artikolu 21(1) tal-Karta?

1. Applikabbiltà tad-drittijiet fundamentali tal-Karta?

46. Skont ġurisprudenza stabbilita, il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni, stabbilit fl-Artikolu 21(1) tal-Karta, għandu, bħala prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, natura imperattiva u jagħti lill-individwi dritt li jista' jiġi invokat quddiem qorti *fl-oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni*. Dan japplika għal tilwim li jikkonċerna forom differenti ta' diskriminazzjoni u li jista' jirriżulta wkoll minn kuntratti bejn individwi. Il-qorti nazzjonali adita b'tali tilwima għandha għalhekk tiżgura lill-ħaddiema l-protezzjoni ġuridika meħtieġa mill-Artikolu 21 tal-Karta u tiżgura l-effett sħiħ ta' dan l-artikolu [29]. Dawn il-prinċipji għandhom, fil-fehma tiegħi, jiġu trasposti għall-prinċipju ġenerali ta' ugwaljanza stabbilit fl-Artikolu 20 tal-Karta, li l-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni tiegħu stabbilit fl-Artikolu 21 tal-Karta huwa biss espressjoni speċifika [30].

47. Għaldaqstant, għandu jiġi eżaminat qabelxejn jekk l-Artikolu 20 u l-Artikolu 21(1) tal-Karta humiex applikabbli. Fil-fatt, konformement mal-Artikolu 51(1) tal-Karta, l-applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet għall-atti tal-Istati Membri tippreżupponi li dawn "qed jimplimentaw il-liġi ta' l-Unjoni".

[24] F'dan is-sens, is-sentenza tat-22 ta' Mejju 2014, Glatzel (C-356/12, EU:C:2014:350, punt 43). Ara, fl-istess sens, is-sentenza tal-14 ta' Lulju 2022, Il-Kummissjoni vs VW *et* (C-116/21 P sa C-118/21 P, C-138/21 P u C-139/21 P, EU:C:2022:557, punt 140: "[i]l-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni stabbilit fl-Artikolu 21(1) tal-Karta huwa espressjoni partikolari tiegħu [tal-ugwaljanza fit-trattament]")

[25] Ara wkoll l-eżaminazzjoni komuni tal-Artikolu 20 u l-Artikolu 21(1) tal-Karta fis-sentenza tat-22 ta' Jannar 2020, Baldonedo Martín (C-177/18, EU:C:2020:26, punti 56 *et seq*).

[26] Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE tad-29 ta' Ġunju 2000 li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrespettivament mill-oriġini tar-razza jew etniċità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 20, Vol. 1, p. 23).

[27] Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 79).

[28] Mill-ġurisprudenza stabbilita, ara biss is-sentenza tas-16 ta' Mejju 2024, INSS (Leave ta' omm li trabbi lil uliedha waħidha) (C-673/22, EU:C:2024:407, punti 23 sa 25).

[29] F'dan is-sens, is-sentenzi fformulati b'mod kemxejn verbuż tat-22 ta' Jannar 2019, Cresco Investigation (C-193/17, EU:C:2019:43, punti 75 sa 78), u tas-17 ta' April 2018, Egenberger (C-414/16, EU:C:2018:257, punti 75 sa 77). Ara wkoll is-sentenza tal-20 ta' Frar 2024, X (Assenza ta' raġunijiet għal xoljiment) (C-715/20, EU:C:2024:139, punti 75 *et seq* b'rabta mal-Artikolu 47 tal-Karta).

[30] Sentenza tat-22 ta' Mejju 2014, Glatzel (C-356/12, EU:C:2014:350, punt 43).

48. Nifhem li, għal dan l-għan, il-Qorti tal-Ġustizzja teżiġi *rabta diretta* bejn il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni u att tal-Unjoni [31]. Dan huwa l-każ, b'mod partikolari, meta din il-leġiżlazzjoni tkun intiża li timplimenta dispożizzjoni (speċifika) tad-dritt tal-Unjoni. Għal dan l-għan, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni, *inter alia*, in-natura ta' din il-leġiżlazzjoni u l-kwistjoni dwar jekk din għandhiex għanijiet differenti minn dawk li jaqgħu taħt id-dritt tal-Unjoni [32].

49. Huwa minnu li l-ġurisprudenza rrikonoxxiet li differenza fit-trattament ibbażata fuq in-natura statutorja jew kuntrattwali tar-relazzjoni ta' xogħol tista', bħala prinċipju, tiġi evalwata fid-dawl tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament jew ta' nondiskriminazzjoni, kif stabbilit fl-Artikoli 20 u 21 tal-Karta [33]. Fil-fatt, il-projbizzjoni ta' differenza fit-trattament bejn il-ħaddiema impjegati għal żmien determinat u l-ħaddiema impjegati għal żmien indeterminat prevista fil-klawżola 4(1) tal-Ftehim qafas hija *espressjoni partikolari* ta' dan il-prinċipju ġenerali [34]. Madankollu, fil-fehma tiegħi, dan jista' jkun il-każ biss fil-każ fejn il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni jkun saħansitra applikabbli.

50. Madankollu, kif indikajt fil-punti 27 *et seq* iktar 'il fuq, ma naħsibx li l-kamp ta' applikazzjoni tal-klawżola 4(1) tal-Ftehim qafas huwa preċiżament applikabbli fil-kawża ineżami. Dan jirriżulta mill-fatt li d-differenzazzjoni inkwistjoni fir-rigward tar-rikonoxximent tal-anzjanità u tal-klassifikazzjoni fil-kategorija salarjali ma tistax tiġi attribwita lill-Istat konvenut li jimpjega peress li din ma ġietx deċiża minnu, iżda hija imposta mil-liġi. F'dan ir-rigward, l-applikazzjoni tal-Artikolu 485 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 297/94 għas-sitwazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma għandha l-ebda rabta diretta mal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni stabbilit fil-klawżola 4(1) tal-Ftehim qafas. Għaldaqstant, hija ma tistax tikkostitwixxi implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, fis-sens tal-Artikolu 51(1) tal-Karta, inkluż fid-dawl tal-għanijiet distinti mfittxija minn kull waħda minn dawn id-dispożizzjonijiet [35].

51. Fil-fehma tiegħi, il-ġurisprudenza ssostni din il-fehma.

52. Għalhekk, fil-Kawża C-177/18, il-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet l-eżistenza ta' tali rabta diretta mal-implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, fid-dawl tal-għan li jiġi evitat l-użu illeġittimu jew abbużiv ta' kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat mill-istess persuna li timpjega. F'dak il-każ, fil-mument tat-tkeċċija tiegħu, li kien marbut ma' avveniment imsemmi fid-deċiżjoni ta' ħatra tiegħu, jiġifieri t-tiġdid tal-pożizzjoni minn uffiċjal, il-membru tal-persunal mhux permanenti talab il-ħlas ta' kumpens previst biss f'każ ta' tmiem ta' impjieg għal żmien determinat ta' membri tal-persunal kuntrattwali. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, il-leġiżlazzjoni nazzjonali kontenzjuża ma kinitx xierqa sabiex jintlaħaq l-għan imfittex mill-klawżola 5(1)

[31] F'dan is-sens, ara l-formulazzjoni diffiċli tas-sentenza tat-22 ta' Jannar 2020, Baldonedo Martín (C-177/18, EU:C:2020:26, punt 58 u l-ġurisprudenza ċċitata), li tipprovdi li l-oqsma kkonċernati ma għandhomx biss ikunu qrib jew ikollhom effett indirett fuq xulxin. Ara wkoll is-sentenza tal-4 ta' Mejju 2023, Glavna direktsia "Pozharna bezopasnost i zaashtita na naselenieto" (Xogħol billejl) (C-529/21 sa C-536/21 u C-732/21 sa C-738/21, EU:C:2023:374, punt 53, u l-ġurisprudenza ċċitata).

[32] F'dan is-sens, is-sentenza tat-22 ta' Jannar 2020, Baldonedo Martín (C-177/18, EU:C:2020:26, punt 59, u l-ġurisprudenza ċċitata).

[33] F'dan is-sens, is-sentenza tat-22 ta' Jannar 2020, Baldonedo Martín (C-177/18, EU:C:2020:26, punt 56) b'riferiment għas-sentenza tad-9 ta' Marzu 2017, Milkova, C-406/15, EU:C:2017:198, punti 55 sa 63. Ara wkoll is-sentenza tal-4 ta' Mejju 2023, Glavna direktsia "Pozharna bezopasnost i zaashtita na naselenieto" (Xogħol billejl) (C-529/21 sa C-536/21 u C-732/21 sa C-738/21, EU:C:2023:374, punt 55, u l-ġurisprudenza ċċitata).

[34] F'dan is-sens, is-sentenza tal-25 ta' Lulju 2018, Vernaza Ayovi (C-96/17, EU:C:2018:603, punti 20 u 21), u tat-8 ta' Settembru 2011, Rosado Santana (C-177/10, EU:C:2011:557, punt 65), kif ukoll il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Szpunar fil-kawża Baldonedo Martín (C-177/18, EU:C:2019:877, punt 61). Ara wkoll is-sentenza tal-20 ta' Frar 2024, X (Assenza ta' raġunijiet għal xoljiment) (C-715/20, EU:C:2024:139, punt 43, li skontha "[l-]projbizzjoni ta' diskriminazzjoni stabbilita fil-klawżola 4(1) tal-Ftehim qafas hija biss l-espressjoni speċifika tal-prinċipju ġenerali ta' ugwaljanza".

[35] Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-20 ta' Frar 2024, X (Assenza ta' raġunijiet għal xoljiment) (C-715/20, EU:C:2024:139, punt 77), u tat-30 ta' Novembru 2023, Ministero dell'Istruzione u INPS (C-270/22, EU:C:2023:933, punt 55).

tal-Ftehim qafas, jiġifieri li jiġu evitati l-abbużi li jirriżultaw mill-użu ta' kuntratti jew ta' relazzjonijiet ta' xogħol għal żmien determinat suċċessivi. Fil-fatt, hija qieset li din il-leġiżlazzjoni nazzjonali kellha għanijiet differenti mill-ġlieda kontra l-abbużi [36].

53. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, dan ma japplikax għal leġiżlazzjoni nazzjonali li kienet tipprevedi komunikazzjoni bil-miktub minn qabel tar-raġunijiet ta' tkeċċija bi preavviż biss fir-rigward tal-impjegati għal żmien indeterminat. Fid-dawl tal-paragunabbiltà tas-sitwazzjoni ta' ħaddiem għal żmien determinat li kien is-suġġett ta' sensja ordinarja qabel l-iskadenza tat-terminu, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li din il-leġiżlazzjoni kienet tippreċiża u tikkonkretizza l-kundizzjonijiet tal-impjieg stabbiliti fil-klawżola 4 tal-Ftehim qafas u li għalhekk kienet teżisti implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni fis-sens tal-Artikolu 51(1) tal-Karta kif ukoll differenza fit-trattament [37].

54. Għar-raġunijiet imsemmija fil-punt 50 iktar 'il fuq, dan ma huwiex il-każ hawnhekk.

55. Għalhekk nikkonkludi li, fil-kawża ineżami, fl-assenza ta' "implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni" fis-sens tal-Artikolu 51(1) tal-Karta jew fl-assenza ta' qasam kopert mid-dritt tal-Unjoni, l-applikazzjoni tal-Artikoli 20 u 21 tal-Karta hija esklużа.

56. Fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tasal għal konklużjoni differenti, ser neżamina, *sussidjarjament*, il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 20 u l-Artikolu 21(1) tal-Karta.

2. Differenza fit-trattament jew diskriminazzjoni pprojbiti skont l-Artikolu 20 jew l-Artikolu 21(1) tal-Karta?

57. Il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament, stabbilit fl-Artikoli 20 u 21 tal-Karta, jeżiġi li sitwazzjonijiet paragunabbli ma jiġux ittrattati b'mod differenti u li sitwazzjonijiet differenti ma jiġux ittrattati bl-istess mod, sakemm tali trattament ma jkunx oġġettivament iġġustifikat. Differenza fit-trattament hija ġġustifikata meta din tkun ibbażata fuq kriterju oġġettiv u raġonevoli. Sabiex tagħmel dan, hija għandha ssegwi għan legalment ammissibbli u tkun proporzjonata għal dan l-għan [38].

58. Sabiex tiġi stabbilita l-paragunabbiltà tas-sitwazzjonijiet, hemm lok, bħala prinċipju, li jittieħdu inkunsiderazzjoni *l-elementi kollha li jikkaratterizzawhom*. L-eżami ma għandux isir b'mod ġenerali u astratt, iżda għandu jsir b'mod speċifiku u konkret, billi jittieħdu inkunsiderazzjoni s-suġġett u l-għan tal-leġiżlazzjoni nazzjonali [39]. Dan jikkorrispondi l-iktar għal dak li għandu jsir meta tiġi applikata l-klawżola 4(1) tal-Ftehim qafas, li jikkonkretizza l-Artikoli 20 u 21 tal-Karta. Fil-fatt, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, fil-kuntest tal-paragunabbiltà tas-sitwazzjonijiet, għandu għalhekk jiġi eżaminat jekk il-ħaddiema tad-diversi gruppi paragunabbli jwettqux xogħol identiku jew simili billi tittieħed bħala bażi t-*totalità ta' fatturi*, bħan-natura tax-xogħol, il-kundizzjonijiet ta' taħriġ u l-kundizzjonijiet tax-xogħol [40].

[36] Ara s-sentenza tat-22 ta' Jannar 2020, Baldonedo Martín (C-177/18, EU:C:2020:26, punt 60 sa 63). Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset b'mod kontradittorju li, kuntrarjament għas-sitwazzjoni li wasslet għal din il-kawża, il-kamp ta' applikazzjoni tal-klawżola 4(1) tal-Ftehim qafas kien applikabbli. Madankollu, hija rrikonoxxiet l-eżistenza ta' raġuni oġġettiva li tiġġustifika eventwali differenza fit-trattament (punti 36 *et seq*).

[37] Ara wkoll is-sentenza tal-20 ta' Frar 2024, X (Assenza ta' raġunijiet għal xoljiment) (C-715/20, EU:C:2024:139, punt 77 *et seq*).

[38] F'dan is-sens, is-sentenza tad-9 ta' Marzu 2017, Milkova (C-406/15, EU:C:2017:198, punt 55 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[39] F'dan is-sens, is-sentenza tad-9 ta' Marzu 2017, Milkova (C-406/15, EU:C:2017:198, punti 56 u 57 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

[40] Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-17 ta' Ottubru 2024, Ministero dell'Istruzione e del Merito u INPS (C-322/23, EU:C:2024:900, punt 50), tat-30 ta' Novembru 2023, Ministero dell'Istruzione u INPS (C-270/22, EU:C:2023:933, punt 62), tal-21 ta' Novembru 2018, de Diego Porras (C-619/17, EU:C:2018:936, punti 61 u 62), u tal-20 ta' Settembru 2018, Motter (C-466/17, EU:C:2018:758, punt 29).

59. Fil-kawża ineżami, dawn huma, minn naħa, l-eks ħaddiema impjegati għal żmien determinat fl-iskejjel assimilati, li r-rikorrent kien jagħmel parti minnhom qabel ir-reklutaġġ tiegħu għal żmien indeterminat, u, min-naħa l-oħra, ħaddiema impjegati għal żmien indeterminat tal-iskola tal-Istat ikkonċernata. Skont l-evalwazzjoni tal-qorti tar-rinviju, iż-żewġ gruppi jinsabu f'sitwazzjonijiet paragunabbli, fid-dawl taċ-ċirkustanzi rilevanti kollha.

60. Madankollu, dan huwa suġġett għall-kundizzjoni li d-differenza bejn il-persuni li jimpjegaw, jiġifieri l-operatur tal-iskola assimilata li fiha r-rikorrent kien preċedentement impjegat u dak tal-iskola tal-Istat li fiha kien sussegwentement impjegat għal żmien indeterminat, u r-regoli differenti applikabbli għar-relazzjonijiet ta' xogħol rispettivi *ma humiex* kriterji ta' differenzazzjoni rilevanti, kif issostni b'mod partikolari r-Repubblika Taljana. F'dan ir-rigward, infakkar li din id-differenza ma tistax teskludi l-eżistenza ta' differenza fit-trattament fir-rigward tal-kundizzjonijiet ta' reklutaġġ fil-kuntest tal-applikazzjoni, fil-kawża ineżami eskluża, tal-klawżola 4(1) tal-Ftehim qafas. Fil-fatt, waqt ir-reklutaġġ, il-persuna li timpjega għandha, bħala prinċipju, tieħu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi *kollha* li jkollhom effett fuq il-ħaddiem li għandu jiġi impjegat meta mqabbel mal-ħaddiema impjegati għal żmien indeterminat fl-istabbiliment tiegħu. Dan jista' jinkludi perijodi ta' servizz mwettqa ma' persuna *oħra* li timpjega fil-kuntest ta' relazzjoni ta' xogħol suġġetta għal *regoli oħra*, bil-kundizzjoni li dawn il-perijodi ta' servizz jipprovdu informazzjoni dwar il-ħiliet u l-esperjenza professjonali miksuba (ara l-punti 37 *et seq* iktar 'il fuq).

61. Ma jistax ikun mod ieħor fil-kuntest tal-applikazzjoni tal-Artikolu 20 u l-Artikolu 21(1) tal-Karta. Il-gruppi paragunabbli li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni huma għalhekk, minn naħa, il-ħaddiema impjegati għal żmien indeterminat irreklutati ġodda li, bħar-rikorrent, kienu preċedentement impjegati fi skola assimilata (għal żmien determinat jew indeterminat) u, min-naħa l-oħra, il-ħaddiema impjegati għal żmien indeterminat tal-iskola tal-Istat li l-perijodi ta' servizz tagħhom imwettqa sa meta ġew irreklutati ttieħdu kompletament inkunsiderazzjoni.

62. Bla ħsara għal din il-kundizzjoni, naħseb li l-eżistenza ta' differenza fit-trattament għandha tiġi rrikonoxxuta fil-kawża ineżami, u dan għar-raġunijiet li ġejjin:

63. L-ewwel nett, kif irrilevat il-qorti tar-rinviju u mingħajr ma dan ġie kkontestat mill-Ministeru fil-kawża prinċipali, il-leġiżlatur Taljan, fl-Artikolu 1 tal-Liġi Nru 62/2000, integra *kompletament* l-iskejjel assimilati fis-sistema edukattiva ġenerali tal-Istat ("għall-għanijiet kollha previsti mil-leġiżlazzjoni fis-seħħ"), kif jindika isimhom, billi assimilahom għar-"rekwiżiti legali ta' kwalità u ta' effettività". Skont l-Artikolu 1(4) ta' din il-liġi, din l-ugwaljanza sħiħa teħtieġ biss talba intiża b'mod partikolari sabiex jintwera li l-persunal li jgħallem għandu l-kwalifiki meħtieġa (il-punt g). Jekk dan huwa l-każ, l-attivitajiet ta' tagħlim imwettqa f'dawn l-iskejjel għandhom jitqiesu bħala ekwivalenti. Ir-rikorrent żied, mingħajr ma ġie kontradett mill-Ministeru fil-kawża prinċipali, li l-għalliema għal żmien determinat fl-iskejjel assimilati li jkollhom tali kwalifiki huma ta' spiss ikkwalifikati aħjar mill-għalliema impjegati għal żmien determinat fi skejjel pubbliċi jew privati approvati, fi skejjel sussidjarji, issussidjati jew għall-adulti, li għandhom juru biss diploma li tiċċertifika l-edukazzjoni sekondarja. Madankollu, il-perijodi ta' servizz preċedenti tagħhom jittieħdu inkunsiderazzjoni għall-finijiet ta' xogħol għal żmien indeterminat fi skola tal-Istat, skont l-Artikolu 485 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 297/94. Għaldaqstant, l-argument tar-Repubblika Taljana li din id-dispożizzjoni hija intiża speċifikament sabiex tirrikonoxxi l-attività eżerċitata mill-kandidati li għaddew minn kompetizzjoni pubblika jew sabiex tosserva l-prinċipji applikabbli fid-dritt tas-servizz pubbliku ma huwiex fondat u għandu jiġi miċħud, kif esponiet ukoll il-qorti tar-rinviju.

64. It-tieni nett, l-Artikolu 2(2) tad-Digriet-Liġi Nru 255/2001 jipprevedi espressament, għall-finijiet ta' inklużjoni jew promozzjoni fil-grad fuq il-listi ta' riżerva permanenti, li l-attivitajiet ta' tagħlim imwettqa mill-1 ta' Settembru 2000 fi skejjel assimilati fis-sens tal-Liġi Nru 62/2000 għandhom "jitqiesu bl-istess mod bħall-attivitajiet ta' tagħlim imwettqa fl-iskejjel tal-Istat". Fil-fatt, dawn il-listi ta' riżerva jkopru kemm l-għalliema li għaddew b'suċċess minn kompetizzjoni pubblika kif ukoll dawk li għandhom il-kwalifiki u ċ-ċertifikati ta' kwalifiki meħtieġa skont il-punt (g) tal-Artikolu 1(4) tal-Liġi Nru 62/2000. Ir-reklutaġġ abbażi tagħhom jimplika għalhekk rikonoxximent komplet tal-esperjenza professjonali u tal-ħiliet miksuba permezz ta' dawn l-attivitajiet ta' tagħlim. Dan jinvalida wkoll l-argument tar-Repubblika Taljana espost fil-punt 63 iktar 'il fuq.

65. It-tielet nett, il-Ministeru nnifsu indika, fil-kawża prinċipali, li kien naqas milli jallinja l-Artikolu 485 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 297/94 mal-assimilazzjoni imposta mil-Liġi Nru 62/2000 (ara l-punt 63 iktar 'il fuq). Fil-fatt, skont il-Ministeru, l-iskejjel assimilati ssostitwixxew, *inter alia*, l-iskejjel approvati (privati) u l-iskejjel għall-adulti (punt 21 iktar 'il fuq). Madankollu, l-Artikolu 485 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 297/94 ikompli jirregola biss ir-rikonoxximent tal-perijodi ta' servizz preċedenti mwettqa fi skejjel approvati u fi skejjel omologi, bl-esklużjoni ta' perijodi ta' servizz preċedenti mwettqa fi skejjel assimilati li ssostitwixxewhom.

66. Ir-raba' nett, din il-kontradizzjoni manifesta hija enfasizzata wkoll mill-fatt li l-Artikolu 1*a*(1) tad-Digriet-Liġi Nru 250/2005, ikkonvertit f'liġi permezz tal-Liġi Nru 27/2006, jaqsam il-kumplament tal-iskejjel mhux tal-Istat, fis-sens tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 297/94, fi skejjel assimilati u mhux assimilati rrikonoxxuti. Minn dan isegwi li l-iskejjel approvati, l-iskejjel sekondarji omologi u l-iskejjel tal-arti, l-iskejjel għall-adulti, l-iskejjel issussidjati jew l-iskejjel sussidjarji msemmija espliċitament fl-Artikolu 485 tad-Digriet-Liġi Nru 297/94 għandhom ukoll jitqiesu bħala skejjel assimilati fis-sens tal-Artikolu 1*(a)* tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 250/2005. Il-fatt li, waqt ir-reklutaġġ fi skola tal-Istat, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni biss il-perijodi ta' servizz preċedenti mwettqa f'dawn l-iskejjel tal-aħħar, u mhux, fi kwalunkwe każ mhux espliċitament, dawk ta' skejjel oħra assimilati, juri għal darba oħra b'mod ċar l-inkoerenza ta' dawn ir-regoli.

67. Konsegwentement, jiena tal-fehma li, taħt il-premessi esposti fil-punti 60 u 62 iktar 'il fuq, teżisti differenza fit-trattament bejn sitwazzjonijiet tal-inqas paragunabbli, jew saħansitra aġir kontradittorju min-naħa tal-leġiżlatur Taljan.

68. Fil-fehma tiegħi, din id-differenza fit-trattament ma tista' tiġi ġġustifikata fuq ebda motiv imressaq b'mod partikolari mir-Repubblika Taljana. Ma huwiex ċar li l-leġiżlatur Taljan għandu għan leġittimu ta' politika soċjali [41].

69. Dan diġà jirriżulta mill-fatt li, skont il-konstatazzjonijiet tal-qorti tar-rinviju, il-Ministeru stess irrikonoxxa fil-kawża prinċipali li l-Artikolu 485 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 297/94 kellu jiġi allinjat mad-dispożizzjonijiet tal-Liġi Nru 62/2000. Ir-Repubblika Taljana baqgħet ma mmotivatx b'mod komprensibbli r-raġunijiet li għalihom tali allinjament għadu ma seħħx. B'mod partikolari, għandu jiġi miċħud l-argument repetut tagħha li jgħid li hija biss il-kompetizzjoni pubblika li tiggarantixxi eżami suffiċjenti tal-kwalifiki professjonali meħtieġa u t-teħid inkunsiderazzjoni tal-kwalifiki u tal-esperjenzi professjonali waqt ir-reklutaġġ fi skejjel assimilati (privati) jista'

[41] Ara, fir-rigward tal-klawżola 4(1) u (4) tal-Ftehim qafas, is-sentenzi tal-14 ta' Settembru 2016, de Diego Porras (C-596/14, EU:C:2016:683, punt 45), tat-22 ta' Diċembru 2010, Gavieiro Gavieiro u Iglesias Torres (C-444/09 u C-456/09, EU:C:2010:819, punti 54 u 55 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

jwassal għal diskriminazzjoni inversa tal-uffiċjali, fid-dawl tas-setgħa diskrezzjonali wiesgħa tal-persuna li timpjega (privata). L-assimilazzjoni tal-iskejjel assimilati mal-iskejjel tal-Istat, ikkonfermata mill-Artikolu 1 tal-Liġi Nru 62/2000 u mill-Artikolu 2(2) tad-Digriet-Liġi Nru 255/2001, kif ukoll mill-Artikolu 1*a*(1) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 250/2005, kif ukoll l-ekwivalenza (abbażi tal-kwalifiki meħtieġa) tal-attivitajiet ta' tagħlim li huma eżerċitati hemmhekk, bħala prinċipju rrikonoxxuti minn dan id-digriet leġiżlattiv, irendi dan l-argument infondat.

70. Għalhekk nikkonkludi, sussidjarjament, fir-rigward tal-ewwel, it-tieni u t-tielet domanda preliminari, li l-applikazzjoni tal-Artikolu 485 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 297/94 f'każijiet bħal dak inkwistjoni, sakemm dan jirrigwarda implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni fis-sens tal-Artikolu 51(1) tal-Karta, twassal għal differenza fit-trattament ipprojbita mill-Artikolu 20 u l-Artikolu 21(2) tal-Karta. Madankollu, din id-differenza fit-trattament imposta mil-liġi, għad-detriment tal-perijodi *kollha* ta' servizz imwettqa fl-iskejjel assimilati, ma tistax, fil-fehma tiegħi, tiġi attribwita lill-Istat li jimpjega ħlief jekk, bħala parti mis-sistema ta' tagħlim pubbliku, huwa "jikkoopera" fid-differenza fit-trattament li l-leġiżlatur huwa responsabbli għaliha.

71. Għaldaqstant, jonqos li tingħata risposta għar-raba' domanda preliminari, li tistaqsi jekk, f'każ bħal dan, il-qorti tar-rinviju hijiex obbligata li ma tapplikax id-dispożizzjoni nazzjonali inkwistjoni. Kuntrarjament għal dak li ssostni r-Repubblika Taljana, inqis li din id-domanda preliminari hija ammissibbli għaliex, kif ser nuri iktar 'il quddiem, ma huwiex preċiżament ċar liema konsegwenzi għandhom jinsiltu mid-dispożizzjoni inkompleta, jew saħansitra kontradittorja, tal-Artikolu 485 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 297/94.

3. Konsegwenzi legali ta' differenza fit-trattament ipprojbita

72. Huwa minnu li r-raba' domanda preliminari tirrigwarda l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' supremazija biss sa fejn din tobbliga lill-qrati nazzjonali ma japplikawx regola tad-dritt nazzjonali li tkun inkompatibbli ma' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni direttament applikabbli.

73. Madankollu, skont il-ġurisprudenza reċenti tal-Qorti tal-Ġustizzja, dan il-prinċipju jobbliga wkoll lill-qrati nazzjonali jinterpretaw, sa fejn ikun possibbli, id-dritt nazzjonali tagħhom b'mod konformi mad-dritt tal-Unjoni. Meta japplikaw id-dritt nazzjonali, dawn il-qrati jkunu għalhekk obbligati, billi jieħdu inkunsiderazzjoni d-dritt intern kollu u billi japplikaw metodi ta' interpretazzjoni rrikonoxxuti minnu, jinterpretaw id-dritt nazzjonali, sa fejn ikun possibbli, fid-dawl tal-formulazzjoni u tal-għan tad-dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni inkwistjoni, sabiex tiġi ggarantita l-effettività sħiħa ta' din id-dispożizzjoni u sabiex tinsab soluzzjoni konformi mal-għan imfittex minnha. Madankollu, l-obbligu tal-interpretazzjoni konformi mad-dritt nazzjonali għandu ċerti limiti u ma jistax, b'mod partikolari, iservi bħala bażi għal interpretazzjoni *contra legem* tad-dritt nazzjonali [42].

[42] Għall-ewwel darba, is-sentenza tal-24 ta' Ġunju 2019, Popławski (C-573/17, EU:C:2019:530, punt 57). Ara wkoll is-sentenzi tad-9 ta' April 2024, Profi Credit Polska (Ftuħ mill-ġdid tal-proċedura magħluqa permezz ta' deċiżjoni definittiva) (C-582/21, EU:C:2024:282, punt 57), tas-7 ta' Marzu 2024, Die Länderbahn *et* (C-582/22, EU:C:2024:213, punti 59 u 60), u tas-27 ta' April 2023, M. D. (Projbizzjoni fuq id-dħul fl-Ungerija) (C-528/21, EU:C:2023:341, punt 99). Sa issa mingħajr riferiment għall-prinċipju ta' supremazija, ara s-sentenza tat-8 ta' Novembru 2016, li fl-opinjoni tiegħi hija iktar korretta, Ognyanov (C-554/14, EU:C:2016:835, punt 59: "Dan l-obbligu ta' interpretazzjoni konformi tad-dritt nazzjonali huwa fil-fatt inerenti fis-sistema tat-Trattat [TFUE] għaliex dan jippermetti lill-qrati nazzjonali li jiżguraw, fil-kuntest tal-kompetenzi tagħhom, l-effettività sħiħa tad-dritt tal-Unjoni meta dawn jiddeċiedu l-vertenzi li jkunu aditi bihom").

74. F'dan ir-rigward, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li, fid-dawl ta' dak li ġie espost fil-punti 63 *et seq* iktar 'il fuq u bla ħsara għall-eżami mill-qorti tar-rinviju, ma jidhirx totalment eskluż li d-dispożizzjonijiet inkompleti, jew saħansitra kontradittorji, tal-Artikolu 485 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 297/94 jiġu interpretati b'mod konformi mal-Artikolu 20 u l-Artikolu 21 tal-Karta u, jekk ikun il-każ, mal-klawżola 4(1) tal-Ftehim qafas. Huwa minnu li l-formulazzjoni ta' din id-dispożizzjoni nazzjonali ma tipprevedix espressament l-iskejjel assimilati; madankollu, ma huwiex ikkontestat li dawn l-iskejjel joriġinaw minn skejjel approvati u minn skejjel omologi li jissemmew espliċitament fihom. Barra minn hekk, l-Artikolu 1*a*(1) tad-Digriet-Liġi Nru 250/2005, li issa jikklassifika wkoll lil dawn l-iskejjel tal-aħħar bħala skejjel assimilati (ara l-punt 66 iktar 'il fuq), jista' jissuġġerixxi tali interpretazzjoni konformi mad-dritt tal-Unjoni.

75. Jekk interpretazzjoni konformi mad-dritt tal-Unjoni ma tkunx possibbli fil-kawża ineżami, fatt li għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-prinċipju ta' supremazija tal-applikazzjoni.

76. Skont ġurisprudenza stabbilita, il-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni jimponi fuq il-qorti nazzjonali kompetenti l-obbligu li tiżgura l-effett sħiħ tar-rekwiżiti tad-dritt tal-Unjoni fit-tilwima li jkollha quddiemha billi jekk ikun hemm bżonn ma tapplikax kull leġiżlazzjoni jew prattika nazzjonali, anki jekk sussegwenti, li tmur kontra dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni li jkollha effett dirett, mingħajr ma jkollha titlob jew tistenna t-tħassir minn qabel ta' din il-leġiżlazzjoni jew prattika nazzjonali permezz ta' leġiżlazzjoni jew permezz ta' kwalunkwe proċedura kostituzzjonali oħra [43].

77. Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-protezzjoni ġudizzjarja li għandha tingħata lill-ħaddiema minħabba diskriminazzjoni li tmur kontra d-dritt tal-Unjoni skont l-Artikolu 21 tal-Karta, moqri flimkien mal-prinċipju ta' supremazija, teżiġi, għall-finijiet tal-osservanza effettiva tal-prinċipju ta' ugwaljanza, li, sakemm ma jkunux ġew adottati miżuri li jistabbilixxu mill-ġdid l-ugwaljanza fit-trattament, il-persuni tal-kategorija żvantaġġata jibbenefikaw mill-istess vantaġġi bħall-persuni tal-kategorija pprivileġġata. Il-persuni żvantaġġati għandhom għalhekk jitqiegħdu fl-istess sitwazzjoni bħall-persuni li jibbenefikaw mill-vantaġġ inkwistjoni. F'każ bħal dan, il-qorti nazzjonali għandha teskludi kull dispożizzjoni nazzjonali diskriminatorja, mingħajr ma jkollha għalfejn titlob jew tistenna t-tħassir minn qabel tagħha mil-leġiżlatur, u li tapplika għall-membri tal-grupp żvantaġġat l-istess sistema li minnha jibbenefikaw il-persuni tal-kategorija l-oħra. Hija għandha dan l-obbligu indipendentement mill-eżistenza, fid-dritt intern, ta' dispożizzjonijiet li jagħtuha kompetenza għal dan l-għan, bil-kundizzjoni li jkun hemm sistema ta' riferiment valida [44].

78. Madankollu, fil-kawża ineżami, tali sistema ta' riferiment hija preċiżament stabbilita fl-Artikolu 485 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 297/94. Dan ikollu l-konsegwenza li l-qorti nazzjonali jkollha teskludi l-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni biss sa fejn, skont il-prassi amministrattiva u l-ġurisprudenza nazzjonali preċedenti, hija ma tippermettix it-teħid inkunsiderazzjoni tal-perijodi ta' servizz imwettqa fi skejjel assimilati.

[43] F'dan is-sens, is-sentenzi tat-28 ta' Jannar 2025, ASG 2 (C-253/23, EU:C:2025:40, punt 90 u l-ġurisprudenza ċċitata), tad-9 ta' April 2024, Profi Credit Polska (Ftuħ mill-ġdid tal-proċedura magħluqa permezz ta' deċiżjoni definittiva) (C-582/21, EU:C:2024:282, punt 57), tas-7 ta' Marzu 2024, Die Länderbahn *et* (C-582/22, EU:C:2024:213, punti 61), u tas-27 ta' April 2023, M. D. (Projbizzjoni fuq id-dħul fl-Ungerija) (C-528/21, EU:C:2023:341, punti 100 u 101 fir-rigward tal-applikabbiltà diretta ta' dispożizzjoni tad-Direttiva). Fir-rigward tal-applikabbiltà diretta tal-Artikolu 47 tal-Karta, moqri flimkien mal-klawżola 4(1) tal-Ftehim qafas, ara s-sentenza tal-20 ta' Frar 2024, X (Assenza ta' raġunijiet għal xoljiment) (C-715/20, EU:C:2024:139, punti 80 u 81 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

[44] F'dan is-sens, is-sentenzi tat-22 ta' Jannar 2019, ifformulati b'mod kemxejn verbuż, Cresco Investigation (C-193/17, EU:C:2019:43, punti 78 sa 81), u tad-9 ta' Marzu 2017, Milkova (C-406/15, EU:C:2017:198, punti 66 sa 68).

79. Ir-riżultat tal-applikazzjoni tal-prinċipju ta' supremazija huwa għalhekk l-istess bħal dak ta' interpretazzjoni komplementari konformi mad-dritt tal-Unjoni ta' din id-dispożizzjoni, li skontha din tinkludi neċessarjament l-iskejjel assimilati.

80. Minn dan isegwi li, fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja taċċetta l-eżistenza ta' differenza fit-trattament fil-kawża ineżami, il-qorti tar-rinviju jkollha tinterpreta jew tapplika l-Artikolu 485 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 297/94 b'mod li tiggarantixxi li l-perijodi ta' servizz imwettqa fi skejjel assimilati fil-kuntest ta' relazzjonijiet ta' xogħol għal żmien determinat ikollhom ukoll jittieħdu inkunsiderazzjoni waqt ir-reklutaġġ fi skola tal-Istat għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-anzjanità u tal-klassifikazzjoni f'kategorija salarjali.

81. Madankollu, fil-fehma tiegħi, tali riżultat ikun żbaljat, sa fejn inqis li l-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 20 u l-Artikolu 21(1) tal-Karta ma huwiex applikabbli fil-kawża ineżami. Jidhirli għalhekk li, f'każ bħal dan, huwa esklużivament il-leġiżlatur Taljan jew il-qrati Taljani li għandhom jevitaw jew jissanzjonaw eventwali diskriminazzjoni skont id-dritt (kostituzzjonali) Taljan bejn l-għalliema impjegati, *inter alia*, fi skejjel assimilati, fi skejjel approvati u fi skejjel tal-Istat (għal żmien determinat u għal żmien indeterminat).

V. Konklużjoni

82. Għalhekk nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi kif ġej għad-domandi preliminari magħmula mit-Tribunale civile di Padova (il-Qorti Ċivili ta' Padova, l-Italja):

"Il-projbizzjoni speċifika ta' diskriminazzjoni stabbilita fil-klawżola 4(1) tal-Ftehim qafas dwar xogħol għal żmien determinat konkluż fit-18 ta' Marzu 1999 (iktar 'il quddiem il-'Ftehim qafas') li jinsab fl-Anness tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE u l-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' nondiskriminazzjoni, stabbiliti fl-Artikoli 20 u 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik prevista fl-Artikolu 485 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 297/94, sa fejn din il-leġiżlazzjoni ma tiħux inkunsiderazzjoni, għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-anzjanità u tal-klassifikazzjoni f'kategorija salarjali, il-perijodi ta' servizz imwettqa minn ħaddiema impjegati għal żmien determinat fi skejjel assimilati fil-mument tar-reklutaġġ tagħhom għal żmien indeterminat fi skola tal-tal-Istat".